MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 337/2001/1

**Carmela Zerafa, Vincent Mallia, Joseph Zammit, Catherine Sciberras, Francis Zerafa, Joe Callus, John Zammit, Carmen Galea proprio u in rapprezentanza ta' l-assenti Emmanuel Zammit, Grace Farrugia, Tereza Spiteri, Anthony Callus, Michelangela Spiteri, Catherine Falzon, Jane Grima, Andrew Callus.**

**vs**

**Nazzareno Farrugia, Emmaneul Farrugia, Antonia mart Toninu Abdilla, Registratur ta' l-Artijiet.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta' Frar 2001 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif

diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fejn gie premess:-

Illi in forza ta’ testment datat 26 ta’ April 1945 ippubblikat fl-atti tan-Nutar Giorgio Borg Olivier, il-konjugi Giovanna u Giovanni Farrugia hallew bhala eredi universali proprjetarji assoluti taghhom lil hames uliedhom fi quoti legali, li huma Adriana armla minn Michelangelo Zerafa, Antonia mart Antonio Zammit, Giuseppe Farrugia, Marianna mart Carmelo Mallia u Giuseppa Farrugia u dan fil-beni taghhom kollha, mobili u immobili, korporali u inkorporali, prezenti u futuri.

Illi t-testment tas-26 ta’ April 1945 hawn fuq imsemmi gie modifikat b’testment iehor tat-30 ta’ Mejju 1952 fl-atti tan-Nutar Robert Gerard, f’liema testment Giovanni Farrugia b’titolu ta’ prelegat halla in assoluta proprieta` lil binhom Giuseppe Farrugia l-hanut minghajr numru f’*Congreve Street*, Wied iz-Zurrieq.

Illi l-legatarju Giuseppe Farrugia ma talabx li l-hlas tal-legat kif huwa rikjest minn artikolu 726 tal-Kodici Civili liema artikolu jghid illi l-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga imhollija legat.

Illi ghaddew iktar minn ghaxar snin, u *cioe`* z-zmien rikjest mil-ligi sabiex wiehed ikun jista’ jitlob legat u f’dan it-terminu Giuseppe Farrugia jew aventi kawzi minnu ma talbux il-legat.

Illi ghalhekk il-werrieta kollha ta’ Giuseppe Farrugia ghandhom ikunu u huma l-propjetarji tal-hanut fuq imsemmi, li jgib in-numri 11, 12 u 13 fi Triq *Congreve*, Wied iz-Zurrieq.

Illi fuq talba ta’ Giuseppe Farrugia gie mahrug Certifikat ta’ l-Art mir-Registru ta’ l-Art bin-numru 49000018 relattiv ghal titolu bl-istess numru registrat mir-Registru ta’ l-Artijiet favur l-istess Giuseppe Farrugia hawn anness u mmarkat bhala Dok “A” f’isem Giuseppe Farrugia, missier il-konvenuti (hlief ir-Registratur ta’ l-Artijiet), liema certifikat

huwa relattiv ghall-fondi numru 11, 12 u 13, Triq *Congreve*, Wied iz-Zurrieq.

Illi dan il-Certifikat ta' l-Art juri lil Giuseppe Farrugia bhala sid tal-fondi numri 11, 12 u 13 Triq *Congreve*, Wied iz-Zurrieq.

Illi dan ic-certifikat ma setax jinhareg peress illi wara successjoni s-sidien kienu u ghadhom il-werrieta kollha ta' Giovanni Farrugia u mhux ta Giuseppe Farrugia li ma talabx li jigi mmess fil-pussess tal-legat imholli lilu u difatti l-atturi qatt ma mmettewh fil-pussess.

Illi l-atturi pprezentaw ittra ufficjali fil-15 ta' Novembru 2000 relattiv ghall-premess, izda ma kien ebda ezitu u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi Giuseppe Farrugia qatt ma kien talab il-pussess tal-fond numri 11, 12 u 13 Triq *Congreve*, Wied iz-Zurrieq u ghalhekk ma jistax jitqies bhala proprejtarju ta' dawn l-istess fondi u li lanqas ghaddiet l-art favur tieghu.

2. Tiddikjara li r-Registratur ta' l-Artijiet ma setax jirregistra l-art f'isem Giuseppe Farrugia.

3. Tordna lir-Registratur ta' l-Artijiet sabiex ihassar u jikkancella jew li jigi kkancellat it-titolu fuq imsemmi numru 49000018 u c-Certifikat tar-Regisrazzjoni fuq imsemmi mahrug mir-Registru ta' l-Art.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 15 ta' Novembru 2000, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u z-zewg dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok "A" u Dok "B" a fol. 5 sa fol. 8 tal-

process konsistenti fic-Certfikat datat 2 ta’ April 2003 u ittra ufficjali datata 15 ta’ Novembru 2000.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tal-25 ta’ April 2001

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Nazzareno Farrugia, Emmanuel Farrugia u Antonia mart Toninu Abdilla datata 2 ta’ April 2001 a fol. 12 u 13 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-azzjoni ta’ l-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex bhala eredi ta’ missierhom Giuseppe Farrugia, karta ta’ l-identita` numru 461003(M), li miet fit-13 ta’ Jannar 1999, l-eccipjenti jiddjetenu b’titolu assolut garantit mill-Gvern ta’ Malta l-fondi *de quo* li jgibu n-numri 11, 12 u 13 Triq *Congreve*, Wied iz-Zurrieq u dan kif jirrizulta mic-certifikat ta’ l-art mahrug mir-Registratur ta’ l-Artijiet bin-Numru 49000018.

2. Illi l-azzjoni ta’ l-atturi hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi *a tenur* ta’ l-artikoli 22 u 27 tal-Kap 296 it-titolu ta’ l-eccipjenti hu wiehed irrevokabbli “jigifieri, titolu li ma jistax jigi meghlub hlief kif provdut f’dan l-att” u l-atturi fic-citazzjoni taghhom ma ndikawx il-kawzali specifika mil-lista kkontemplata fl-artikolu 51 ta’ l-istess Att li a bazi taghha huma qeghdin javvanzaw l-azzjoni taghhom u *di piu`* fit-talbiet taghhom naqsu milli specifikament jitolbu d-debita dikjarazzjoni minn din il-Qorti li tezisti tali kawzali; liema dikjarazzjoni hija necessarja ghaliex per konsegwenza taghha biss tista’ tigi ordnata l-korrezzjoni fir-Registru kif mahsub fl-istess artikolu 51. Fil-fatt, mill-korp tac-citazzjoni, jidher li r-raguni li a bazi taghha l-atturi qeghdin jitolbu li jigi meghlub it-titolu assolut ta’ l-ecipjenti mhuwiex wiehed minn dawk ikkontemplati fl-artikolu 51 gia` imsemmi.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-artikolu 51 tal-Kap 296 ma jikkontemplax sitwazzjoni fejn ir-Registratur ta’ l-Artijiet semplicement ihassar u jikkancella xi haga li tkun giet inserita fir-Registru imma jmur *oltre* u

jitkellem dwar “korrezzjonijiet fir-Registru” u ghalhekk it-tielet talba attrici hija ghal din ir-raguni nsostenibbli.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess missier l-ecipjenti, u wara l-mewt tieghu fil-1999 l-ecipjenti, ilhom jippossejdu l-proprjeta` *de quo* mill-anqas mill-1960 u ghalhekk dak li jghid l-artikolu 726 tal-Kodici Civili ilu aktar minn erbghin sena li gie sodisfatt.

5. Il-preskrizzjoni akkwizittiva *a tenur* ta’ l-artikolu 2140 tal-Kap 16.

6. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta *a tenur* ta’ l-artikolu 2143 tal-Kap 16.

7. Illi l-fond *de quo* huwa proprjeta` ta’ l-eccipjenti.

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Nazzareno Farrugia, Emmanuel Farrugia u Antonia mart Toninu Abdilla a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tar-Registratur ta’ l-Artijiet datata 4 ta’ April 2001 a fol. 15 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi c-certifikat ta’ titolu numru 49000018 favur Giuseppe Farrugia gie redatt korrettement u skond il-ligi wara l-verifiki necessarji tad-dokumenti prezentati ma’ l-applikazzjoni relattivi u dan kif ser jigi spjegat fid-dikjarazzjoni guramentata u waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi l-atturi naqsu li jressqu l-oggezzjoni taghhom ghall-applikazzjoni ghar-registrazzjoni ta’ titolu fuq il-hanut in kwistjoni f’isem Giuseppe Farrugia fi zmien tletin jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta’ l-istess applikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u dan *ai termini* tar-Regoli tal-1982 “dwar ir-Registrazzjoni ta’ l-Artijiet”, f’liema cirkostanzi l-esponent ma kellu ebda ostakolu sabiex johrog ic-Certifikat tat-titolu f’isem Giuseppe Farrugia.

3. Illi c-Certifikat ta’ titolu fuq il-hanut mertu tal-kawza odjerna ilu jgib in-numru 49000018 u s-sidien attwali li fuqhom huwa registrat l-istess fond huma Emanuel Farrugia, Nazzareno Farrugia u Antonia Abdilla (konvenuti f’din il-kawza) ghal terz indiviz kull wiehed tan-nuda proprjeta`, u Giuseppe Farrugia ghall-uzufrutt. Dan *stante* li permezz ta’ l-applikazzjoni LRA 167/2000 gie registrat it-trasferiment *causa mortis* wara l-mewt ta’ Giuseppe Farrugia li grat fit-13 ta’ Jannar 1999. Illi konsegwentement ghandha tintalab korrezzjoni *vis-a-vis* t-tielet talba tac-citazzjoni;

4. Illi fi kwalunkwe kaz huwa jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti salv li fl-eventwalita` li jintlaqghu t-talbiet attrici, kull korrezzjoni ghandha ssir a bazi ta’ l-artikolu 51 tal-Kap 296;

5. Illi huwa m’ghandux jigi suggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tar-Registratur ta’ l-Artijiet u l-lista tax-xhieda b’zewg dokumenti annessi (Dok “A” u Dok “B”) a fol. 16 sa 19 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef tal-25 ta’ April 2001 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. Robert Tufigno u l-konvenut assistit minn Dr. Pierre Lofaro. Hemm indikat li wara li l-Qorti semghet lill-avukati prezenti u minkejja l-hames u s-sitt eccezzjonijiet tal-konvenuti l-istess kawza xorta setghet tithalla ghas-smiegh tal-provi fil-mertu w ghalhekk il-kawza giet differita ghal dan il-ghan quddiem din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta ghall-4 ta’ Ottubru 2001. Inghata digriet sabiex l-atturi jressqu l-provi taghhom permezz ta’ l-affidavit lill-atturi u dan fi zmien erbghin (40) jum kif indikati fl-istess digriet relattiv.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-4 ta’ Ottubru 2001 fejn meta ssejhet il-

kawza deher Dr. Robert Tufigno ghall-atturi prezenti u Dr. Pierre Lofaro ghall-konvenuti prezenti. Dr. Tufigno prezenta nota b'zewg testmenti. Ir-Registratur ta' l-Artijiet u d-difensur tieghu ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Tufigno mpenja ruhu li ghas-seduta li kien imiss kien ser iharrek lir-Registratur ta' l-Artijiet. Il-Qorti estendiet il-prezentata ta' l-affidavits ta' l-attur ghall-ahhar darba bi tletin (30) jum mid-data tas-seduta. Il-kawza giet differita biex jinstema' r-Registratur ta' l-Artijiet ghall-5 ta' Dicembru 2001.

Rat in-nota ta' l-atturi datata 5 ta' Dicembru 2001 li biha esebew zewg affidavits ta' Carmela Zerafa (Dok "CZ") u ta' Joseph Zammit (Dok "JZ"); kopja ta' kuntratt tad-9 ta' Settembru 1924 (Dok "C"); Arblu tar-razza (Dok "D") u certifkat taz-zwieg (Dok "E"), kollox kif jidher a fol. 43 sa fol. 58 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-5 ta' Dicembru 2001 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pierre Lofaro ghall-konvenuti Farrugia u Dr. Robert Tufigno ghall-atturi. Xehdet Sylvana Spiteri, Agent Registratur ta' l-Artijiet prodotta mill-atturi u li pprezentat id-dokument Dok. "CZ 2" li hija kopja tal-*file* relattiv u dan minn fol. 60 sa fol. 96 tal-process. Il-kawza giet differita biex il-partijiet jezaminaw l-istess dokument u konkluzjoni tal-provi attrici ghall-14 ta' Frar 2002; u tal-14 ta' Frar 2002 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pierre Lofaro ghall-konvenuti prezenti l-konvenut. Prezenti Michael Zerafa ghall-atturi li whud minnhom kienu prezenti. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-iskop tal-verbal precedenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna ghall-14 ta' Gunju 2002. Aktar tard deher Dr. Tufigno ghall-atturi li ha konjizzjoni ta' dan il-verbal.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-14 ta' Gunju 2002 fejn meta ssejhet il-kawza deher biss il-konvenut Nazzareno Farrugia. Il-kawza giet differita ghat-12 ta' Dicembru 2002 sabiex jinstemghu l-provi attrici.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta minn l-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-11 ta' Dicembru 2002 u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-istess Qorti kif diversament presjeduta tat-22 ta' Jannar 2003; tal-20 ta' Frar 2003; tad-9 ta' April 2003; tad-29 ta' April 2003; l-avviz ta' l-4 ta' Gunju 2003, il-verbali tat-13 ta' Gunju 2003; u tal-24 ta' Ottubru 2003 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Robert Tufigno ghall-atturi hlief ghal Vincent Mallia li qed jigi patrocinat mill-Profs. Ian Refalo. Deher Dr. Pierre Lofaro ghall-konvenuti u deher il-konvenut Nazzareno Farrugia. Dr. Tufigno ddikjara ghan-nom tal-klijenti tieghu li ghajr ix-xhieda ta' Dr. Audrey Buttigieg m'ghandux provi aktar. L-attur Vincent Mallia talab li sas-seduta li jmiss jiddikjara jekk fadallux provi izjed x'iressaq. Xehdet Dr. Audrey Vassallo. Il-kawza giet differita ghad-9 ta' Jannar 2004.

Rat in-nota ta' l-atturi prezentata fir-Regsitru fl-24 ta' Ottubru 2003 a fol. 114 tal-process li biha esebixxa Dok "RA1" li huwa kopja tal-*file* tar-Registratur ta' l-Artijiet u dan kollox minn fol. 115 sa fol. 162 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-9 ta' Jannar 2004; tat-2 ta' Marzu 2004; u tal-10 ta' Marzu 2004 fejn fl-ahhar seduta Dr. Jacqueline Borg ghall-attur Vincent Mallia ddikjarat li ghad fadallha biss li tipprezenta l-affidavit ta' l-istess Vincent Mallia kollox kif jidher a fol. 166 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attur Vincent Mallia datata 6 ta' April 2004 a fol. 167 tal-process li biha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-16 ta' April 2004 fejn Vincent Mallia ddikjara li ma ghandux provi izjed; tat-28 ta' Mejju 2004; tat-22 ta' Ottubru 2004; u tat-3 ta' Dicembru 2004 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Jacqueline Borg ghall-attur Vincent Mallia, u Dr. Pierre Lofaro ghall-konvenuti. Deher ukoll Dr.

Robert Tufigno ghall-atturi Zerafa. Xehdu Francis Zerafa, Anthony Callus, Joseph Zammit, u Vincent Mallia lkoll prodotti mill-konvenuti ghall-kontro-ezami taghhom. Il-kawza giet differita ghall-15 ta’ Frar 2005 ghall-kontiwazzjoni tal-provi tal-konvenuti; u tal-15 ta’ Frar 2005 fejn xehdu Francis Zerafa u Joseph Zammit; tat-18 ta’ Marzu 2005 fejn rega’ xehed Francis Zerafa; tat-13 ta’ Mejju 2005; u tal-4 ta’ Ottubru 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pierre Lofalo ghall-konvenuti Farrugia u Abdilla u Dr. Jacqueline Borg ghall-attur Vincent Mallia. Dehru whud mill-atturi. Xehdet l-attrici Carmela Zerafa in kontro-ezami. Dr. Lofaro pprezenta dokumenti permezz ta’ nota li kienu jikkonsistu fl-affidavit ta’ Nazzareno Farrugia u d-dokumenti mmarkati minn Dok. “NF 1” sa Dok. “NF 24 (fol. 274 sa fol. 331 tal-process) u dan bil-*visto* tal-kontro-parti, u Carmela Zerafa ghan-nom ta’ l-atturi kollha, irtirat kopja ta’ l-istess. Xehed Vincent Mallia in kontro-ezami. Dr. Lofaro ddikjara li fadallu tliet xhieda x’jipproduci bl-affidavit. Il-kawza giet differita ghall-15 ta’ Novembru 2005 ghall-prezentata ta’ l-affidavits tal-konvenuti.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 18 ta’ Ottubru 2005 a fol. 333 tal-process li permezz taghha esebew l-affidavits ta’ Anthony Abdilla, Antonia Abdilla, Michael Bellizzi u Saviour Coleiro, li huma mmarkati bhala Dok “AA’, Dok “AA2”, Dok “MB” u Dok “SC” rispettivament kollox minn fol. 333 sa fol. 362 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-15 ta’ Novembru 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pierre Lofaro ghall-konvenuti, u l-konvenut Nazzareno Farrugia. Il-konvenuti ddikjaraw li ghalqu l-provi taghhom. Dehret Dr. Jacqueline Borg ghall-attur Mallia. Il-kawza giet differita ghall-1 ta’ Frar 2006 ghall-kontro-ezami tax-xhieda moghtija bil-procedura ta’ l-affidavits ipprezentati mill-konvenuti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta ta’ l-1 ta’ Frar 2006 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Jacqueline Borg ghall-attur Vincent

Mallia prezenti, u Dr. Robert Tufigno ghall-kumplament ta' l-atturi. Dr. Pierre Lofaro deher ghall-konvenuti kollha hlief ghar-Registratur ta' l-Artijiet. Ir-Registratur ta' l-Artijiet u Dr. Susan Sciberras issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Xehed Nazzareno  Farrugia prodott mill-attur u Antonia Abdilla in kontro-ezami. Dr. Tufigno talab il-produzzjoni tax-xhud Dun Gwann Farrugia. Id-difensuri prezenti rrimettew ruhhom. Il-Qorti laqghet it-talba. Xehed Vincent Mallia prodott mill-attur in ri-ezami. Id-difensuri qabblu li kull ma baqa' kien dan ix-xhud biss li ghandu jigi ngunt mill-atturi.  Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop u finali trattazzjoni ghall-4 ta' April 2006; u ta' l-4 ta' April 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Robert Tufigno ghall-atturi u Dr. Pierre Lofaro ghall-konvenuti hlief ghar-Registratur ta' l-Artijiet. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet u Dr. Susan Sciberras issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Xehed bil-gurament Reverendu Dun Gwann Farrugia prodott mill-atturi. Dr. Pierre Lofaro talab illi l-konvenut Nazzareno Farrugia jixhed dwar l-istess access sabiex jispecifika min kien prezenti dakinhar,  inkluz il-prezenza ta' Dun Gwann Farrugia u ta' xi whud mill-atturi. Dr. Tufigno oggezzjona ghall-istess. Il-Qorti cahdet it-talba. Dr. Robert Tufigno, ghall-atturi, talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet t-talba u pprefiggiet terminu ta' sittin (60) gurnata lill-atturi biex jipprezentaw n-nota ta' osservazzjonijiet bil-*visto*/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollhom sittin (60) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuti jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-atturi. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-10 ta' Ottubru 2006.

Rat ir-rikors ta' l-attur Vincent Mallia datat 13 ta' Gunju 2006 (fol. 419) fejn talab korrezzjoni fil-korp tac-citazzjoni u dan billi kull fejn jissemma' n-numru 171202004 li jirreferi ghac-certififkat tat-titolu li nhareg f'isem il-konvenuti ahwa Farrugia ghandu jinbidel u jsir 49000019. Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta bid-digriet taghha moghti fl-14 ta' Gunju 2006.

Rat ir-risposta tal-konvenuti kollha prezentata fir-Registru fis-27 ta' Gunju 2006.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Awissu 2006, fejn tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjonijiet kollha rikjesti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur Vincent Mallia datata 13 ta' Gunju 2006 a fol. 423 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti (hlief ir-Registru ta' l-Artijiet) datata 2 ta' Awissu 2006 kif tidher a fol. 430 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Registratur ta' l-Artijiet datata 31 ta' Awissu 2006 a fol. 454 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma fl-10 ta' Ottubru 2006 u fil-15 ta' Novembru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza Dr. Pierre Lofaro ghall-konvenuti kollha hlief ir-Registratur ta' l-Artijiet. Dehru whud mill-atturi. Dr. Jacqueline Borg u Dr. Robert Tufigno ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Lofaro rrifera wkoll ghall-fatt li l-imsemmija proprjeta` qatt ma giet denunzjata mill-atturi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz tal-kawza odjerna l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li Giuseppe Farrugia, missier il-konvenuti, li thalla prelegat in assoluta proprieta' tal-hanut

mertu tal-vertenza odjerna, la darba qatt ma kien talab l-immissjoni fil-pussess tal-fond numri 11, 12 u 13 Triq Congreve, Wied iz-Zurrieq fiz-zmien rikjest mill-ligi ma jistax jitqies bhala proprjetarju ta' dawn l-istess fondi u li ghalhekk l-art m'ghaddietx favur tieghu izda ghaddiet favur il-werrieta kollha ta' Giovanni Farrugia li b'hekk huma ko-proprjatarji ta' l-istess u b'hekk hemm lok li jigu milqguha kif proposti t-talbiet attrici.

Illi fil-fatt minhabba li Giuseppe Farrugia nhariglu certifikat mir-Registru tal-Artijiet li tah titolu assolut fuq il-fond in kwistjoni l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni li r-Registratur tal-Artijiet ma setax jirregistra l-art f'ismu. B'hekk konsegwentement talbu li r-Registratur tal-Artijiet jigi ordnat li jhassar u jikkancella jew li jigi kkancellat it-titolu fuq imsemmi u c-certifikat tar-registrazzjoni favur l-istess Giuseppe Farrugia.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li din il-kawza titratta dwar il-fond li jikkonsisti f'hanut bin-numri 11, 12 u 13 f'Congreve Street, f'Wied iz-Zurrieq. Din il-proprjeta' giet akkwistata mill-konjugi Giovanni u Giovanna Farrugia fid-9 ta' Settembru 1924 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Calcedonio Gatt (Dok."C" a fol.48 *et sequitur* tal-process) matul iz-zwieg taghhom peress li z-zwieg taghhom sehh fl-14 ta' Novembru 1897.

Illi fis-26 ta' April 1945, il-konjugi Farrugia ghamlu testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor Giorgio Borg Olivier (Dok. "B" a fol. 30 tal-process). Fl-artikolu hamsa (5) ta' l-istess it-testaturi hallew b'titolu ta' prelegat lil binhom Giuseppe Farrugia l-uzufrutt wara mewthom tal-hanut f'Congreve Street f'Wied iz-Zurrieq bil-kundizzjoni li kellu jhallas lil ohtu Giuseppa Farrugia nofs l-ammont li jista' jgib bhala kera l-istess hanut f'kull sena. Skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu tmienja (8) ta' l-istess testment il-konjugi Farrugia stitwew bhala eredi universali taghhom fi kwoti ugwali bejniethom lill-hames uliedhom Andreana armla minn Michael Zerafa, Antonia mart Antonio Zerafa, l-istess Giuseppe Farrugia, Marianna mart Carmelo Mallia u Giuseppa Farrugia xebba.

Illi l-imsemmija Andreanna Zerafa, Antonia Zammit, Marianna Mallia huma l-axxendenti ta’ l-atturi b’dan li Antonia Zammit kellha lil Joseph Zammit, John Zammit, Emanuel Zammit, Grace Farrugia, Theresa Spiteri, Catherine Sciberras u Carmen Galea, lkoll atturi fil-kawza odjerna; Marianna Mallia kellha lill-attur Vincent Mallia; Andreana Zerafa kellha lil Joseph Zerafa (li miet fil-1980 u halla lill-attur Francis Zerafa); Evangelista Callus (li mietet fil-1997 u halliet lil Anthony Callus, Joseph Callus, Andrew Callus, Mikeangela Spiteri, Jane Grima, u Catherine Falzon) u Carmela Zerafa li effettivament hija wahda mill-atturi wkoll (Arblu tar-Razza – Dok. “D” – fol. 57).

Illi min-naha l-ohra Giuseppe Farrugia miet fit-13 ta’ Jannar 1999 u halla bhala werrieta tieghu lil Nazzereno Farrugia, Emanuel Farrugia, u Antonia Abdilla l-konvenuti fil-kawza odjerna; l-konvenut l-iehor huwa r-Registratur ta’ l-Artijiet.

Illi t-testatrici Giovanna Farrugia mietet fl-4 ta’ Lulju 1951 (certifikat tal-mewt – fol. 72). Jirrizulta li wara mewtha zewgha Giovanni Farrugia ghamel testment iehor fit-30 ta’ Mejju 1952 (Dok. “C” a fol.36 tal-process) fejn hassar u rrevoka l-hames artikolu tat-testment precedenti tas-26 ta’ April 1945 u ssostitwih billi b’titolu ta’ prelegat halla in assoluta proprjeta’ lil ibnu Giuseppi Farrugia l-hanut Congreve Street, Wied iz-Zurrieq li kien attivat mit-testatur u minn martu Giovanna, u li l-istess hanut thalla bhala prelegat bl-avvjament u l-oggetti mobbli kollha li bih kien adebit l-istess hanut, inkluz il-licenzji *ossia* supplika tieghu. F’din id-disposizzjoni t-testatur iddikjara li l-imsemmi hanut bl-avvjament, bl-oggetti mobbli u licenzja jew supplica tieghu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti. Dan Giovanni Farrugia miet fis-6 ta’ Settembru 1960 (kopja tac-certifikat tal-mewt a fol. 156 tal-process).

Illi mid-data tal-mewt ta’ missieru, l-istess Giuseppi Farrugia, missier il-konvenuti ndikati, beda jircievi l-kera mill-ewwel minghand l-inkwilin Alfred Gauci li kienu jokkupaw l-istess fond, u dan ghaliex l-istess fond, kien gja mikri lill-terzi minn qabel il-mewt ta’ Giovanni Farrugia; l-licenzji ta’ l-istess fond daru fuq mart l-istess Giuseppi

Farrugia, Josephine Farrugia u dan peress li l-istess Giuseppi Farrugia kien impjegat mas-servizzi nglizi u ma setghax ikollu licenzji fuq ismu (Dok. “NF4” sa Dok. “NF 7” u dawn baqghu jithallsu minn ulied Giuseppi Farrugia sallum (Dok. “NF 8” sa Dok. “NF 11”). Jirrizulta wkoll li l-istess Giuseppi Farrugia kien hallas l-ispejjez ta’ manutenzjoni ta’ l-istess fond u wkoll ghal tibdil strutturali li sar fl-istess fond (Dok. “NF 12” u Dok. “NF 13”).

Illi dan il-fond kien mikri l-ewwel lill-imsemmi Alfred Gauci sas-sena 1976; imbaghad kien hemm Pauline Sammut mill-1976 sal-1978, Andrew Magro minn 1978 sat-22 ta’ Lulju 1982; Rosario Farrugia mit-23 ta’ Lulju 1982 sas-17 ta’ Settembru 1984 (Dok. “NF 14”); Michael Bellizzi mit-18 ta’ Settembru 1984 sat-30 ta’ Novembru 1985; wara l-hanut gie maqsum f’bazaar numru 13, Triq Congeve, Wied iz-Zurrieq li kien mikri lil Michael Bellizzi (Dok. “NF 15 sa Dok. “NF 18” u *snack bar* li llum sar *restaurant* numru 11 u 12 Triq il-Congreve, Wied iz-Zurrieq mikri lil Saviour Coleiro (Dok. “NF 19” sa Dok. “NF 22”).

Illi fis-sena 1992 l-istess Giuseppi Farrugia ghamel applikazzjoni fir-Registru ta’ l-Artijiet sabiex il-hanut imsemmi jigi registrat fuq ismu, u fil-fatt dan sehh permezz ta’ Certifikat Numru 49000018 – Dok. “A” a fol. 6 u 28 tal-process datat 2 ta’ April 1993 fejn jinghad li dan ic-certifikat hareg skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 36 ta’ l-Att ta’ l-1981 dwar ir-Registrazzjoni ta’ l-Artijiet, li l-persuna jew persuni deskritti fir-Registru ta’ Sidien huma l-proprjetarji registrati ta’ l-art hemmhekk deskritta u suggetta ghall-ipoteki jew interessi kif murija fic-Certifikat tat-Titolu u hemm indikat li d-deskrizzjoni tal-proprjeta’ b’titolu assulut huwa dak tal-fondi 11, 12, u 13 Triq Congreve, Wied iz-Zurrieq, muri b’kulur ahmar fuq il-pjanta 171202004 ta’ l-istess Certifikat u s-sid huwa ndikat bhala Giuseppi Farrugia, bin Giovanni u dan in forza ta’ testament pubblikat fl-atti tan-Nutar Giorgio Borg Olivier fis-26 ta’ April 1945 kif konfermat b’testment iehor fl-atti tan-Nutar Robert Gerard fit-30 ta’ Mejju 1952, wara l-mewt tal-konjugi Giovanna u Giovanni Farrugia fl-4 ta’ Lulju 1951 u fis-6 ta’ Settembru 1960 rispettivament.

Illi kif inghad Giuseppi Farrugia miet fit-13 ta’ Jannar 1999 u b’dikjarazzjoni *causa mortis* fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja maghmula mill-konvenuti uliedu datata 4 ta’ Mejju 1999 (Dok. “NF 24” -fol. 324) l-istess fond jew fondi 11, 12, u 13, Triq il-Congreve, Wied iz-Zurrieq gew iddikjarati li thallew lilhom mill-wirt ta’ missierhom.

Illi jirrizulta wkoll li Giuseppa Farrugia mietet xebba fit-30 ta’ Marzu 1995 u meta saret id-dikjarazzjoni *causa mortis taghha* b’att relattiv pubblikat minn Nutar Dr. Mario Bugeja fis-26 ta’ Settembru 1995 (Dok. “NF 3” – fol. 278) l-imsemmi hanut ma giex indikat bhala parti mill-wirt taghha u dan meta tali dikjarazzjoni saret minn Andreana Zerafa, Giuseppi Farrugia, u Antonia mart Anthony Zammit u Vincent Mallia iben il-mejta Marianna Mallia.

Illi rrizulta mill-provi li la Giuseppe Farrugia u lanqas uliedu l-konvenuti qatt ma talbu formalment lill-eredi l-ohra sabiex issir l-imissjoni fil-pussess tal-fondi mertu tal-kawza odjerna u dan permezz ta’ att pubbliku kif indikat fl-**artikolu 726 tal-Kap 16** u dan huwa ammess fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti kollha barra r-Registratur tal-Artijiet.

Illi fil-kawza odjerna t-testatur Giovanni Farrugia halla *legato di cosa altrui* meta halla l-prelegat lil ibnu Giuseppe Farrugia. Dan seta’ jaghmlu *ai termini* ta’ l-**artikolu 696 tal-Kodici Civili,** liema artikolu jiddisponi li:-

(1) *Il-legat tal-haga ta’ haddiehor ma jiswiex, hlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta’ haddiehor u mhux tieghu; f’dan il-kaz il-werriet jista’ jaghzel jew li jakkwista l-haga mhollija b’legat sabiex jghaddiha lil-legatarju, jew li jhallas lil-legatarju l-valur gust taghha.*

(2) *Izda, jekk il-haga hekk imhollija b’legat, ghalkemm tkun ta’ haddiehor fi zmien it-testment, tkun saret proprjeta’ tat-testatur fi zmien il-mewt tieghu, il-legat ta’ dik il-haga huwa validu.*

Illi kif issottomettew tajjeb il-konvenuti Farrugia, it-testatur Giovanni Farrugia ssodisfa dan l-artikolu *stante* li huwa ddikjara b'mod car li kien jaf li nofs il-hanut u cioe' nofs il-fondi mertu tal-kawza odjerna kienu jappartjenu lil martu Giovanna Farrugia (*vide* "**Joseph Brincat et vs Maria Zammit"** P.A. – (EM) 16 ta' Frar 1965).

Illi dwar l-imissjoni tal-pussess l-**artikolu 726 tal-Kodici Civili,** qabel ma gie emendat recentement, kien jipprovdi li:-

*"Il-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga mhollija legat".*

Illi dwar dan jinghad li fis-sentenza **"Rinaldo Wismayer vs Mario Wismayer noe"** (P.A. – 14 ta' Marzu 1946) gie kkonfermat li l-legatarju ghandu jitlob l-immissjoni fil-pussess tal-legat lill-eredi u meta l-legatarju huwa wiehed mill-istess werrieta, il-formalita' tat-talba ghall-immissjoni fil-pussess hija dejjem mehtiega ghall-porzjonijiet li l-legatarju ghandu jiehu minghand il-ko-eredi.

Illi mbaghad fis-sentenza **"Giuseppe Carabott et vs Vincenzo Carabott et"** (A.C – 18 ta' Gunju 1948) gie spjegat li:-

*"Veru huwa illi l-legatarju ghandu jitlob pussess tal-legat lill-eredi, imma dik id-dispozizzjoni tirriferixxi ghar-rapporti bejn l-eredi u legatarju fis-sens illi, ghal ragunijiet wisq evidenti, anki ta' ordni pubbliku, ma jistax il-legatarju jimpossessa ruhu mill-oggett legat minghajr il-kunsens ta' l-eredi; anzi huwa dan li ghandu jaghtih dak l-oggett fil-pussess tieghu."*

Illi hawn pero' dejjem qed nitkellmu dwar pussess ta' l-oggett imholli bhala legat u mhux it-titolu ta' l-oggett imholli bhala legat lil-legatarju tant li fil-kawza fl-ismijiet **"S. Briffa et vs C. Scicluna"** (P.A. – 26 ta' Gunju 1959) inghad li:-

*"Ghandha ssir distinzjoni bejn il-pussess ta' legat u l-proprjeta' ta' l-istess legat; ghax il-pussess ighaddi 'per*

*modum continuationis' fl-eredi, u jkun l-identiku pussess li kellu d-decujus fil-gurnata tal-mewt tieghu, u ghalhekk il-legatarju hu obbligat jitlob il-pussess lill-eredi, mentri l-proprjeta', jew id-'dritt' ghall-haga legata, ssir tal-legatarju mill-gurnata ta' l-apertura tas-successjoni bis-sahha unikament tad-dispozizzjoni testamentarja, minghajr in-necessita' ta' ebda att da parti tal-legatarju, u sahansitra ad insaputa tieghu, u kwindi indipendentement mill-immissjoni tieghu fil-pussess tal-legat".*

Illi dan gie kkonfermat fil-kaz **"Antonio Grech et vs Carmelo Farrugia et"** (P. A. (JCC) - 18 ta' Ottubru 1960):-

*"Kwalunkwe legat pur u semplici jaghti lil-legatarju mill-gurnata tal-mewt tat-testatur, dritt trasmissibbli lill-eredi tieghu jew lill-aventi kawza minnu, li jikkonsegwixxi l-legat. Pero', l-legatarju ghandu jitlob lill-eredi l-pussess tal-haga legata, b'mod illi l-legat ma jigix trasferit 'ipso facto' lil-legatarju".*

Illi dan ukoll gie kkonfermat fis-sentenza **"Maurice Busuttil vs Joseph Meli et"** (A.C. – 5 ta' Ottubru 1998) fejn inghad li:-

*"Issa waqt li hu minnu li l-ligi taghti d-dritt lil-legatarju li jigi mmess fil-pussess ta' l-oggett imholli b'legat, dan il-jedd ma jistax jigi nterpretat li jfisser illi l-proprjeta' ta' dak l-oggett ma tkunx ghaddiet fil-persuna tal-legatarju fil-mument tal-mewt jew sakemm issir l-immissjoni fil-pussess, l-oggett legat jibqa' ta' proprjeta' tat-testaturi jew l-aventi kawza minnhom".*

Illi dan gie kkonfermat anke fis-sentenza **"L-Onorevoli Mhallef Dottor Alberto Magri et vs Mariella Borg Magri"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Gunju 2005) fejn inghad li huwa dritt ta' legatarju, anke wiehed li ghandu l-pussess ta' l-immobbli li jitlob l-immissjoni fil-pussess u hawn giet citata s-sentenza fl-ismijiet **"Agnes Borg vs Zammit Charles et"** (P.A. (TM) – 20 ta' Mejju 2004). Dan gie wkoll ikkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **"Ir-Reverendu Patri F. Azzopardi O.F.M Cap *nomine* vs Maria Hilda sive Hilda**

**Cauchi et"** (P.A. (TM) – 14 ta' Ottubru 2004 - Cit.Nru : 506/02/TM) fejn intqal li:-

*"Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza '**Baldacchino noe vs Mifsud noe',** deciza fid-29 ta' Ottubru, 1999, il-proprjeta' libera tal-legat tappartjeni lil-legatarju sa mill-gurnata tal-mewt tat-testatur, tant illi l-istess legatarju huwa paragunat bhala 'kreditur' tal-wirt. Bhala 'kreditur', l-oggett ma jkunx f'idejh qabel ma jinghata pussess tal-oggett tal-kreditu, u kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **'Borg vs Vella et',** deciza fit-3 ta' Marzu, 1995, l-immissjoni fil-pussess tal-legat hija 'c-cavetta' ta' l-istitut kollu. L-immissjoni fil-pussess tista' tinghata jew espressament jew tacitament, u jinghad li hemm immissjoni fil-pussess tacita, meta l-legatarju jiehu pussess materjali ta' l-oggett u l-eredi ma jaghmilx oppozizzjoni".*

Illi s-sentenza **"Saviour James Vella vs Antionette Carmen Barbara"** (P.A. (LFS) – 2 ta' Mejju 2006 - Cit. Nru:743/04/LFS) hija wkoll fuq l-istess binarju ta' dak kollu li nghad s'issa.

Illi minn din ir-rassenja ma hemm ebda dubju li d-dritt ta' proprjeta' jibqa' tal-legatarju, u ghall-immissjoni tal-pussess hija mehtiega l-att formali ndikat, li pero' skond is-sentenza fl-ismijiet **"Carmela Sammut vs Av. Dr. Giuseppe Sacco nomine"** (A.C. (WH) - 21 ta' Mejju 1955) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell issottolineat li izda fil-konkors ta' certi cirkustanzi, jista' l-legatarju jkollu l-pussess legittimu tal-legat avvolja ma kienx hemm domanda formali, kif hu veru li bizzejjed ikun hemm l-assens ta' l-eredi, li jista' jkun anki tacitu; pero' dan ifisser biss li, jekk jigi kontestat lil-legatarju l-pussess tieghu, il-legatarju hu ammess jipprova li l-pussess tieghu hu legittimu *nonostante* li ma jkunx ghamel id-domanda formali ghar-rilaxx tal-pussess, basta jipprova l-kunsens, sija pure tacitu, ta' l-eredi; imma ma jista' qatt ifisser li hi haga prudenti jew konsiljabbli li l-legatarju ma jitlobx formalment dak il-pussess. Anki biex jirrivendika, jekk jinqala' l-bzonn, l-oggett tal-legat minn xi terz detentur, id-

dottrina prevalenti hi fis-sens li l-legatarju ghandu bzonn li jkun investit bil-pussess qabel ma jezercita dik l-azzjoni.

Illi mbaghad fis-sentenza **"Joseph Borg vs Emanuel Vella et"** (A. C. 30 ta' Marzu 1995) intqal li fil-gurisprudenza, l-importanza u l-portata ta' din l-immissjoni fil-pussess hija enfatika u pacifika. L-Onorabbli Qorti qalet:-

*"Min-naha ta' l-eredi mbaghad li jkollu f'idejh il-haga legata, l-immissjoni fil-pussess tista' tinghata jew espressament jew tacitament. Jinghad tacitament, meta l-legatarju jiehu materjalment pussess tal-legat u l-eredi ma jaghmel ebda opposizzjoni".*

Illi hawn il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Maurice Busuttil et vs Joseph Meli et"** (A.C. – 5 ta' Ottubru 1998) u ghas-sentenza **"Carmelo Vassallo vs Philip Vassallo et"** (P.A. (GC) – 12 ta' Jannar 2007 - Cit Nru: 1562/98/GC) fejn inghad:-

*"Mal-mewt tat-testatur il-legatarju jsir il-proprjetarju tal-oggett tal-legat pero' l-pussess jibqa' investit fil-persuna tal-eredi. Konsegwentement hi dejjem legittima talba tal-legatarju biex jigi mmess fil-pussess tal-legat imholli lilu anki jekk l-istess legatarju jkun gia fil-pussess tal-oggett in kwistjoni. Hu dejjem ahjar li ssir l-immissjoni fil-pussess a favur tal-legatarju, b'mod partikolari jekk ikun hemm xi tip ta' molestja minn terzi. Jekk ma jkunx hemm tali immissjoni tal-pussess il-legatarju jista' dejjem, pero', jipprova fil-konfront ta' terzi, li l-pussess tieghu hu legittimu. F'dan il-kaz il-legatarju ghandu jipprova l-kunsens tal-eredi, li jista' ukoll ikun kunsens tacitu".*

Illi fil-kawza odjerna m'hemmx kontestazzjoni li mmissjoni fil-pussess b'mod formali qatt ma saret. B'hekk l-atturi qeghdin jippretendu li ladarba din ma saritx u ghaddew l-ghaxar snin *ai termini* ta' l-**artikolu 845 tal-Kap.16** huma proprjetarji ta' nofs indiviz tal-fondi in kwistjoni flimkien mal-konvenuti. Din is-sottomissjoni pero' mhiex wahda korretta. Infatti kif irrizulta mill-gurisprudenza fuq ikkwotata

l-proprjeta' tal-legat tghaddi mal-mewt tad-*decujus* favur il-legatarju u l-immissjoni tal-pussess tirreferi biss ghall-att li bih l-eredi jaghtu l-pussess tal-legat lil legatarju. Ghalhekk *se mai* huwa biss il-pussess tal-legat li jghaddi wara li ssir l-immissjoni fil-pussess u mhux id-dritt ta' proprjeta' li kien u jibqa' tal-legatarju mill-mument fuq indikat. In-nuqqas ta' immissjoni fil-pussess ma twassalx ghalhekk lanqas sabiex it-titolu jirriverti lill-eredi u fil-fatt din il-pretensjoni attrici ma hija bl-ebda mod sopportata mill-ligi u mill-gurisprudenza fuq citata, b'dan li l-atturi qatt ma jistghu fic-cirkostanzi odjerni jippretendu li huma ko-proprjetarji tal-hanut mertu tal-kawza odjerna.

Illi ghalhekk hawn il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-atturi li l-effett li fin-nuqqas ta' immissjoni formali ta' pussess tal-legat, l-istess legat jirriverti ghand l-eredi. Dan iktar u iktar meta jigi ppruvat li kien hemm immissjoni tacita mill-eredi minhabba l-assens tacitu *da parte* ta' l-eredi u dan apparti li l-istess legatarju kellu pussess tal-legat.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti thoss li dan l'hekk imsejjah assens tacitu *da parte* ta' l-attur ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat mertu tal-kawza odjerna gie ppruvat f'din il-kawza peress li ma hemm ebda dubju li l-legatarju kien jithallas tal-kera ta' l-istess fond mit-terzi kollha li kienu jikru l-istess fond. Mhux hekk biss izda l-konvenut Nazzareno Farrugia xehed li ghalkemm ghal xi zmien missieru hallas nofs il-kera tal-hanut lil Giuseppa Farrugia fuq parir ta' l-avukat tieghu ma baqax u hija m'oggezzjonatx. Infatti l-ebda prova ma ngabet li saret xi tip ta' oggezzjoni min-naha taghha jew inkella li ttiehdu xi proceduri fil-konfront tal-legatarju jew l-avendi kawza tieghu.

Illi ma dan wiehed izid li huwa stat ta' fatt li l-licenzji tal-hanut saru fuq mart Giuseppe cioe' Josephine Farrugia. Ir-raguni moghtija ghalfejn sar hekk hija li minhabba li Giuseppe Farrugia kien impjegat mas-servizzi Inglizi u ghalhekk huwa ma setax ikollu licenzji fuq ismu. Fi kwalunkwe kaz l-introjtu li dahal minn dawn il-kirjiet dahal fil-komunjoni tal-akkwisti; kif l-istess jista' jinghad ghall-hlas tal-licenzji. Jinghad li fl-1985 il-hanut inqasam fi tnejn

u saru zewg fondi – wiehed jopera bhala *bazaar* u l-iehor bhala *snack bar* illum *restaurant.* Nazzareno Farrugia xehed li dawn il-fondi dejjem inghataw b'kera lil terzi matul is-snin u dan kif irrizulta mill-kopji tal-kuntratti ta' lokazzjoni esebiti u l-atturi jew l-axxendenti taghhom qatt ma ppretendew xi dritt dwar l-istess.

Illi in sostenn ta' dan xehdu z-zewg inkwilini prezenti tal-fondi in kwistjoni. Michael Bellizzi fl-affidavit tieghu (a fol. 342 tal-process) xehed li huwa ha b'titolu ta' lokazzjoni *snack bar* minghand il-genituri tal-konvenuti fit-18 ta' Settembru 1984. Sena wara l-kirja tal-hanut twaqqfet u sar kuntratt gdid fejn zamm biss il-kirja tal-kamra numru tlettax (13) u baqa' jikri l-istess kamra sallum b'licenzja ta' *bazaar.* Huwa xehed li dejjem hallas il-kera lil Joseph u Josephine Farrugia u wara l-mewt taghhom lill-konvenuti. Anzi zied ighid li mill-ewwel kirja sallum l-ebda persuna ohra qatt ma talbitu xi parti mill-kera dovuta.

Illi Saviour Coleiro, l-inkwilin l-iehor, xehed li beda jikri l-*isnack bar* sa mill-1 ta' Dicembru 1985 sallum u infatti gew ezebiti l-kuntratti ta' lokazzjoni (Dok. "SC 1" sa "SC 3" a fol. 352 sa 362 tal-process). Huwa xehed li dejjem hallas il-kera dovuta lil Joseph u Josephine Farrugia u wara l-mewt taghhom lill-konvenuti. Mill-ewwel kirja sallum l-ebda persuna qatt ma talbitu xi parti mill-kera dovuta.

Illi dan kollu huwa prova li l-atturi kienu konxji u rrikonoxxew li l-fondi in kwistjoni kienu ta' Giuseppe Farrugia ghaliex qatt ma kkontestaw li l-hlas ta' l-istess kirjiet kien qed isir lil-legatarju u fil-fatt qatt ma ppretendew li kellhom jithallsu huma minflok. Dan huwa sinfikanti meta kollha kemm huma kienu jafu li kien hemm l-inkwilini li kienu nbiddlu sa miz-zmien ta' Giovanni Farrugia izda ghal snin twal ma rrizultax li kien hemm xi nkwiet. Infatti Nazzareno Farrugia in kontro-ezami xehed li l-inkwiet beda wara l-mewt ta' Giuseppa Farrugia fl-1995 u cioe' hamsa u tletin (35) sena wara l-mewt ta' Giovanni Farrugia. Inoltre' wara l-mewt ta' Giovanni Farrugia l-kirjiet dejjem thallsu lil Giuseppe Farrugia u lill-konvenuti wara l-mewt tal-genituri taghhom. L-argument ta' l-atturi li huma hallew lil legatarju jigbor il-kera biss *in virtu`* ta' dritt ta'

uzufrutt li huwa kellu in forza tat-testment *unica charta* ma jreggiex, ghaliex mal-mewt ta' l-istess Giuseppe Farrugia, l-kera ta' l-istess fond jew fondi baqghet tingabar minn uliedu u hawn ukoll ma saret ebda forma ta' oggezzjoni mill-awturi ta' l-atturi jew mill-atturi; mhux hekk biss izda iktar minnhekk it-testment tat-30 ta' Mejju 1952 maghmul minn Giovanni Farrugia hassar l-usufrutt tal-legatarju fuq l-istess fond, b'dan ghalhekk li mal-mewt ta' Giovanni Farrugia, l-legatarju Giuseppe Farrugia kien qed jagixxi bhala proprjetarju *in virtu`* tat-testment ahhari ta' missieru li hallieh bhala proprjatarju assulut ta' l-istess fond, u dan il-legat qatt ma gie kontestat mill-eredi ta' l-istess Giovanna u Giovanni Farrugia. Mhux hekk biss izda la hekk huwa l-kaz, l-uzufrutt allegat mill-atturi qatt ma gie *in vigore* ghaliex dan kellu biss ikollu effett "wara l-mewt ta' l-istess testaturi", f'liema perjodu pero' gie in effett it-testment ta' missier Giuseppe Farrugia. Hawn issir riferenza ghal dak li nghad anke f'pagna 15 tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti.

Illi fi kliem iehor meta l-atturi jsostnu li huma ma setghux joggezzjonaw ghall-fatt li Giuseppe Farrugia jircievi l-kera ghaliex skond l-ewwel testment ommu Giovanna flimkien ma' missieru Giovanni hallewlu dan id-dritt b'titolu ta' legat minhabba l-usufrutt imsemmi fl-istess testament *unica charta* u ghalhekk din mhix kwistjoni ta' immissjoni fil-pussess b'mod tacitu, din il-vantazzjoni ma treggiex. Dan ghaliex Giovanni Farrugia kien ghamel testment iehor wara l-mewt ta' martu fejn huwa hassar u rrevoka ghal kollox il-hames artikolu [fejn Giuseppe Farrugia thalla b'usufrutt il-hanut f'Congreve Street] u minflok hallilu l-prelegat li permezz tieghu l-fondi mertu tal-vertenza odjerna thallew lilu taht dritt ta' proprjeta' assoluta. Huwa dan it-tieni testment li ghandu ghalhekk jigi kkunsidrat ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni odjerna, testament li fuq kollox qatt ma gie kontestat mill-istess atturi fl-ebda zmien u lanqas permezz ta' dawn il-proceduri.

Illi mhux hekk biss izda huwa sinifikanti li minkejja dak li l-atturi qed isostnu llum huma jew l-awturi taghhom agixxew bil-kontra meta wara l-mewt ta' Giuseppa Farrugia, oht il-legatarju Giuseppe Farrugia, fit-30 ta'

Marzu 1995, Andreana Zerafa, Giuseppi Farrugia, u Antonia mart Anthony Zammit, ahwa ta’ l-istess legatarju, u l-attur Vincent Mallia iben il-mejta Marianna Mallia, ghamlu dikjarazzjoni *causa mortis* b’att relattiv ippubblikat minn Nutar Dr. Mario Bugeja fis-26 ta’ Settembru 1995 (Dok. “NF 3” – fol. 278) fejn l-imsemmi hanut lanqas ma kien imsemmi bhala parti mill-wirt taghha u dan ikkompli jikkonferma li l-atturi *in verita’* qatt ma kellhom ebda pretensjoni fuq l-istess hanut u taw il-kunsens tacitu taghhom ghall-immissjoni fil-pussess ta’ l-istess fond lil legatarju.

Illi b’hekk kif irrimarkaw tajjeb il-konvenuti hadd mill-atturi ma ddikjara fid-denunzja ta’ l-axxendenti rispettivi taghhom li l-istess axxendenti kienu l-proprjetarji tal-parti ndiviza rispettiva tal-fondi in kwistjoni tant li lanqas fid-denunzja ta’ Giuseppa Farrugia li mietet xebba fl-1995 ma jissemmew il-fondi mertu tal-vertenza odjerna. Dan qed jinghad apparti dak li jinghad fl-**artikolu 63 tal-Kap 364** li wkoll jimmilita kontra l-azzjoni attrici. Min-naha l-ohra, fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ta’ Giuseppe Farrugia (missier il-konvenuti) gew imsemmija l-fondi mertu ta’ dik il-kawza – Dok. “NF 24” (a fol. 324 tal-process).

Illi ghalhekk bla ebda dubju dawn iz-zewg cirkostanzi u cioe’ kemm il-fatt li l-atturi qatt ma oggezzjonaw ghal hlas tal-kirijiet lil legatarju u kif ukoll il-fatt li l-fondi in kwistjoni ma gewx iddikjarati fid-denunzji *causa mortis* ta’ l-axxendenti rispettivi taghhom u taz-zija taghhom Giuseppa Farrugia (li mietet xebba) u ghalhekk wirtuha l-partijiet kollha, jammonta ghal kunsens tacitu li kien hemm bzonn sabiex ikun hemm l-immissjoni fil-pussess.

Illi ghal kull buon fini l-atturi ppremettew fic-citazzjoni li ghaddew l-ghaxar snin minn meta Giuseppe Farrugia seta’ jitlob l-immissjoni fil-pussess tal-legat imholli lilu u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 845 tal-Kap.16** li jipprovdi:-

*“(1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew legittima, jew is-sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal illeggittimi jew lil zewg jew mart il-mejjet, sew fis-successjonijiet b’testment*

*kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispicca bl-eghluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni."*

Illi din il-Qorti thoss li dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz odjern u dan peress l-istess legat kien fil-pussess tal-legatarju kif hawn indikat.

Illi fi kwalunkwe kaz dwar l-istess istess artikolu issir riferenza ghas-sentenza **"Stella Briffa et vs Catrina Scicluna et"** (App. –20/01/1954) fejn intqal li l-preskrizzjoni decennali li tolqot l-azzjoni maghrufa bhala *petitio hereditatis* biex jintalab wirt, jew legat, jew sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal jew lill-konjugi, tant fis-successjoni testata kemm f'dik intestata, hija preskrizzjoni akkwizittiva; u dan mhux biss fir-rapporti bejn il-ko-eredi, imma anki fil-konfront tal-legatarji u ta' dawk l-ohra li ghandhom dawk id-drittijiet. Ghaldaqstant, barra mill-element passiv taz-zmien hemm bzonn li jigi pruvat anki l-element attiv tal-pussess. Dan il-pussess irid ikun mhux sempliciment kazwali, izda jrid ikun pussess formali, jigifieri kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta'. Konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess 'di diritto'. Meta *si tratta* ta' legat, ghalhekk, mhux bizzejjed illi l-legatarju jibqa' inerenti ghaz-zmien rikjest mil-ligi biex jintilef id-dritt ghal-legat, imma hemm bzonn li l-uzurpatur ikun jippossjedi l-haga abbandunata mill-proprjetarju, u li jkun jippossjediha '*animo domini'*. Il-pussess ta' l-uzurpatur irid ikun, ghalhekk, kontinwu, mhux interrott, pacifiku, publiku, u mhux ekwivoku, ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, kif ukoll '*animo domini*'. Dan il-pussess ghandu jigi pruvat b'mod infrangibbli, tant ghar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Ignazia Degabriele vs Joseph Attard et"** (P.A. (JRM) - Cit.Nru : 2490/96/JRM – 23 ta' Gunju 2005) (li kienet kawza ghal kollox differenti minn dik odjerna u fejn saret talba sabiex l-attrici tinghata pre-legat u allura lanqas titratta dwar kawza ta' mmissjoni fil-pussess jew nuqqas tieghu) intqal li z-zmien imsemmi fl-

**artikolu 845 tal-Kap.16** huwa wiehed preskrittiv u mhux ta’ dekadenza, u ghandu minn zmien ta’ preskrizzjoni akkwizittiva. Il-principju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawzi ta’ wirt jew sehem minn wirt kontra min, ghaz-zmien ta’ ghaxar snin, ikun zamm tajjeb f’idejh bhala sid il-gid tal-wirt jew ta’ dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja. Madankollu u b’effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni mahsuba f’dak l-artikolu, inghad li persuna li ma zzommx ghandha hwejjeg jew assi minn wirt bhala taghha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-ghaxar snin tal-*petitio hereditatis* li dwarha jitkellem l-artikolu taht ezami. Biex tirnexxi l-eccezzjoni taht l-**artikolu 845 tal-Kodici Civili** (bhalma huwa mehtieg f’kull kaz ta’ eccezzjoni ta’ preskrizzjoni akwizittiva taht l-artikolu 2140 tal-istess Kodici) irid jintwera li min ikun gie mfittex biex irodd il-haga mhollija b’wirt (x’aktarx, izda mhux bilfors, taht titolu partikolari) lill-parti attrici, irid ikun zamm pussess shih ta’ l-haga mitluba daqslikieku kienet tieghu (*animo domini*) ghaz-zmien kollu preskrittiv. Jehtieg jintwera wkoll li, ghal tul dak iz-zmien kollu, min ikun zamm f’idejh dawk il-hwejjeg tal-wirt ikun ghamel hekk b’*bona* fidi. Minhabba li l-*bona fidi* hija prezunta, min jallega l-*mala fidi* jrid jipprova allegazzjoni bhal dik.

Illi dik l-Onorabbli Qorti kompliet li l-*bona fidi* tirrapprezenta stat ta’ hsieb affermattiv fil-pussessur, li tirrifletti l-fehma u l-konvinzjoni intima tieghu li l-haga li ghandu f’idejh hija tieghu tabilhaqq. Min-naha l-ohra, jkun fi stat ta’ *mala fidi* min ikun f’qaghda li jaf, jew imissu mic-cirkostanzi jahseb, li l-haga li ghandu f’idejh tkun ta’ haddiehor. Imqar jekk il-pussessur ikollu xi dubju dwar iz-zamma tal-haga, dan ikun bizzejjed biex idennes il-pussess tieghu u jnehhu minnu l-*bona fidi*. Il-*bona fidi* li trid tkopri t-totalita’ tal-haga mizmuma mill-pussessur.

Illi ghalhekk ladarba l-preskrizzjoni skond l-imsemmi artikolu hija ta’ indoli akkwizittiva din hija fondata fuq l-eskluzivita’ tal-pussess, u ghalhekk il-pussess komuni ereditarju huwa ta’ ostakolu ghall-kors ta’ kwalunkwe preskrizzjoni ta’ azzjoni simili (**“Ellul et vs Fenech et” –** P.A. 25 ta’ Jannar 1951). Din certament ma hijiex din it-tip

ta’ azzjoni u fi kwalunwke kaz l-atturi ma gabu ebda prova li twassal ghall-konkluzjoni li huma b’xi mod amministraw dawn il-fondi mertu tal-kawza odjerna la flimkien mal-konvenuti u wisq anqas eskluzivament f’isimhom. U biex jigi rikonoxxut jekk xi hadd ghall-imsejhin ghall-eredita’ jkunx akkwista bil-preskrizzjoni, u b’dannu ta’ l-ohrajn u ghamluha taghhom hemm bzonn il-prova irrefragabbili ta’ pussess pubbliku u eskluziv, li fih l-animu li jgawdi l-eredita’ kollha b’vantagg tieghu nnifsu biss ikun jidher b’mod mhux ekwivoku. L-atturi ma ppruvaw xejn minn dan u ghalhekk dan huwa ta’ ostakolu ghall-vantazzjoni taghhom. Kif anki jirrizulta mic-citazzjoni, l-atturi kienu jafu li missier il-konvenuti u sussegwentement il-konvenuti kellhom id-dritt ghall-prelegat.

Illi sabiex l-atturi b’xi mod ivantaw favur taghhom il-preskrizzjoni ta’ ghaxar snin jehtieg li l-istess jippruvaw li kellhom f’idejhom matul dawk l-ghaxar snin il-wirt *animo domini* u *in buona fede* u bhal kull preskrizzjoni ohra, biex tkun tista’ tigi eccepita din il-preskrizzjoni hemm bzonn ir-rekwizit tal-pussess civili u legittimu – liema provi l-atturi ma ghamluhomx; anzi gie ppruvat proprju l-kuntrarju u ghalhekk *in vista* ta’ dan kollu u wkoll *in vista* tal-fatt li l-konvenuti ulied Giuseppi Farrugia u l-istess Giuseppi Farrugia ilhom jippossjedu l-istess fondi mill-1960, din il-Qorti thoss li r-raba’ eccezzjoni ghandha tintlaqa’ u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Illi dan iwassal ukoll sabiex tintlaqa’ l-hames eccezzjoni abbazi ta’ l-**artikolu 2140 tal-Kap 16** u dan ghaliex il-konvenuti ulied Giuseppe Farrugia u l-istess Giuseppe Farrugia dejjem agixxew u ppossedew l-istess fond b’*bona fede* u *animus domini* ghal hafna iktar minn ghaxar snin hemm indikati u dan anke skond ir-rizultanzi fuq elenkati.

Illi ghall-kompletezza ssir riferenza ghall-eccezzjoni abbazi ta’ l-**artikolu 2143 tal-Kap.16** u din il-Qorti thoss li l-istess ukoll hija applikabbli ghall-kaz peress li ghaddew iktar minn tlettin sena mill-mewt ta’ Giovanni Farrugia li miet fl-1960 u ghalhekk l-atturi u l-axxendenti taghhom

kellhom zmien ta’ iktar minn 40 sena sabiex jressqu d-drittijiet minnhom vantati skond il-ligi.

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghat-tieni eccezzjoni tar-Registratur tal-Artijiet u din il-Qorti thoss li anke din l-eccezzjoni ghandha tintlaqa’ *stante* li l-atturi kellhom l-opportunita’ li joggezzjonaw sabiex issir ir-registrazzjoni ta’ l-art in kwistjoni mar-registratur konvenut izda huma naqsu li jaghmlu dan fit-terminu ndikat ta’ tletin (30) gurnata mid-data ndikata fir-Regoli tal-1982 li kienu japplikaw ghall-kaz in ezami ladarba c-certifikat gie mahrug fit-2 ta’ April 2003 u hawn il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess regolamenti li kopja taghhom tinsab annessa man-nota ta’ l-eccezzjonijiet indikata a fol. 18 tal-process u ghan-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut ir-Registratur tal-Artijiet. B’hekk jirrizulta li *in vista* ta’ dak li gie deciz aktar ‘il fuq l-aventi kawza tal-konvenuti kellhom kull dritt li jirregistraw il-fondi mar-registratur konvenut li agixxa b’hekk korrettament u skond il-ligi.

Illi dwar l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenuti Farrugia *et* dawn eccepew ukoll li l-azzjoni ta’ l-atturi hija nfondata ghaliex bhala eredi ta’ missierhom Giuseppe Farrugia jiddetjenu l-fond in kwistjoni b’titolu assolut garantit mill-Gvern ta’ Malta u dan skond ic-certifikat ta’ l-art mahrug mir-Registratur ta’ l-Artijiet. Inoltre’ eccepew li t-titolu taghhom huwa wiehed irrevokabbli skond id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikoli 22 u 27 tal-Kap 296** u li l-atturi fic-citazzjoni taghhom ma ndikawx il-kawzali specifika mil-lista kontemplata fl-**artikolu 51 ta’ l-istess Att** u *inoltre’* naqsu li jitolbu d-dikjarazzjoni minn din il-Qorti li tezisti tali kawzali. Skond il-konvenuti r-raguni li abbazi taghha l-atturi qeghdin jitolbu li jigi meghlub it-titolu assolut tal-konvenuti mhux wiehed minn dawk ikkontemplati fl-**artikolu 51.**

Illi huwa minnu li l-konvenuti prezentement jiddetjenu l-imsemmi certifikat izda ghalkemm dan jaghti lill-persuna li jkun inhareg favur taghha titolu irrevokabbli ghaliha dan it-titolu mhux assolut. Infatti fl-istess **artikoli 22 u 27 tal-Kap.296** imsemmija mill-istess konvenuti hemm kontemplat li dan huwa *“titolu li ma jistax jigi meghlub hlief*

*kif provdut f'dan l-Att".* Kwindi l-ligi nnifisha tipprovdi fl-**artikoli 51** li jistghu jsiru korrezzjonijiet fir-registru f'kull wiehed mill-kazijiet indikati minn (a) sa (f). Huwa minnu li l-atturi ma ndikawx il-kawzali specifika mil-lista kontemplata pero' fi kwalunkwe kaz huwa evidenti u kif anki gie ndikat fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi li l-kawzali huma l-(a) u l-(f) u minn qari ta' dawn is-sub-artikoli jirrizulta wkoll li t-talba ta' l-atturi jekk ippruvata tista' taqa' taht is-sub-artikolu (f) li ghandu kappa pjuttost wiesa'. B'hekk dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet ghandhom jigu michuda.

Illi fit-tielet eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew li l-artikolu 51 tal-Kap.296 ma jikkontemplax sitwazzjoni fejn ir-Registratur tal-Artijiet sempliciment ihassar u jikkancella xi haga li tkun giet inserita fir-Registru imma jmur *oltre* u jitkellem dwar 'korrezzjonijiet fir-Registru' u ghalhekk it-tielet talba attrici hija nsostenibbli.

Illi din l-eccezzjoni ghandha tintlaqa' ghaliex il-kliem thassar u tikkancella ghandhom tifsira ferm differenti dak li jipprovdi ghalih l-**artikolu 51 tal-Kap 296** minhabba li dan jitkellem dwar korrezzjonijiet li jistghu jsiru fir-registru. Korrezzjoni tfisser li ghandek xi haga u li se tikkoregi fuqha filwaqt li l-kliem thassar u tikkancella jfissru li hemm xi haga li trig tigi eliminata minn fuq ir-registru u dan l-**artikolu 51** jipprovdi ghall-korrezzjoni u mhux ghal dak li talbu l-atturi.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti Nazzareno Farrugia, Emmanuel Farrugia u Antonia mart Tonninu Abdilla, izda tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra ta' l-indikati konvenuti nkluzi dawk abbazi ta' l-**artikolu 2140 u artikolu 2143 tal-Kap 16**, u fil-waqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut ir-

Registratur ta’ l-Artijiet, **tichad it-talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------